SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

17 ta' Lulju 2008 *

Fil-Kawża C-94/07,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Arbeitsgericht Bonn (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Novembru 2004, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Frar 2007, fil-proċeduri

**Andrea Raccanelli**

vs

**Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften eV,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, A. Borg Barthet u E. Levits (Relatur), Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: M. Poiares Maduro,
Reġistratur: K. Sztranc-Sławiczek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-10 ta' April 2008,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften eV, minn A. Schülzchen, Rechtsanwalt,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn V. Kreuschitz u G. Rozet, bħala aġenti,

wara li rat d-deċiżjoni meħuda u li semgħet l-Avukat Ġenerali, li tiġi deċiża l-kawża mingħajr Konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 39 KE u 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU L 257, p. 2).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn A. Raccanelli u l-Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften eV (iktar 'il quddiem il-"MPG") rigward relazzjoni ta' xogħol li huwa kkonkluda mal-Istitut Max-Planck tar-radjoastronomija, stabbilit f'Bonn (iktar 'il quddiem il-"MPI"), li huwa korp li jaqa' taħt l-MPG.

**Il-kuntest ġuridiku**

*Il-leġiżlazzjoni Komunitarja*

3 L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1612/68, li jinsab taħt it-Titolu I ta' dan tal-aħħar u huwa intitolat "Eliġibilità għall-impjieg", jistipula:

"1. Kwalunkwe ċittadin ta' xi Stat Membru, għandu, irrispettivament mill-post fejn jgħix, ikollu d-dritt li jidħol għall-attività bħala persuna mpjegata, u li jwettaq attività tali, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor skond id-dispożizzjonijiet imniżżlin b' liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva li tiggverna l-impjieg taċ-ċittadini ta' dak l-Istat.

2. Hu għandu, b'mod partikolari, ikollu d-dritt li jidħol għall-impjieg disponibbli fit-territorju ta' Stat Membru ieħor bl-istess prijorità ta' ċittadini ta' dak l-Istat."

4 L-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1612/68, li jinsab taħt it-Titolu II ta' dan tal-aħħar u huwa intitolat "Impjieg u ugwaljanza fit-trattament", jaqra kif ġej:

"1. Ħaddiem ċittadin ta' xi Stat Membru ma jistax, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, ikun trattat b'mod differenti minn ħaddiema ċittadini ta' dak l-Istat Membru minħabba ċ-ċittadinanza tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe kondizzjoni ta' l-impjieg u tax-xogħol, partikolarment fir-rigward ta' rimunerazzjoni, tkeċċija u jekk hu jisfa' mingħajr xogħol, ingaġġ mill-ġdid jew impjieg mill-ġdid.

2. Huwa għandu jgawdi l-istess vantaġġi soċjali u ta' taxxa bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

[…]

4. Kwalunkwe klawsola ta' ftehim kollettiv jew individwali jew ta' kwalunkwe regolament kollettiv ieħor li jikkonċerna l-eliġibilità għall-impjieg, rimunerazzjoni u kondizzjonijiet oħra ta' xogħol jew tkeċċija għandhom ikunu nulli u vojta jekk tasal tniżżel jew tawtorizza kondizzjonijiet diskriminatorji fir-rigward ta' ħaddiema ċittadini ta' l-Istati Membri l-oħra."

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

5 Jirriżulta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali li "kuntratt ta' xogħol BAT/2" jew "post part-time BAT II a" għandhom ifissru kuntratt konkluż abbażi tal-grad II a tal-iskala ta' remunerazzjoni, kif kienet fis-seħħ fiż-żmien meta seħħew il-fatti tal-kawża prinċipali, tal-ftehim kollettiv tal-impjegati federali (BAT) għal tul ta' ħin ta' xogħol li jikkorrispondi għal 50 % ta' impjieg full-time.

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

6 Il-MPG hija kkostitwita skont id-dritt privat Ġermaniż fil-forma ta' assoċjazzjoni ta' utilità pubblika. Hija tmexxi fil-Ġermanja u fi Stati Ewropej oħra numru ta' istituti ta' riċerka xjentifika.

7 Dawn l-istituti ta' riċerka, imsejħa "Istituti Max-Planck", iwettqu, fl-interess kollettiv, riċerka fundamentali fix-xjenzi naturali, fil-bijoloġija, fix-xjenzi umani u fix-xjenzi soċjali.

8 Il-MPG tapplika żewġ modi ta' promozzjoni ta' riċerkaturi żgħażagħ, li fil-kuntest tagħhom dawn tal-aħħar jistgħu b'mod partikolari jippreparaw teżi, jiġifieri l-kuntratt ta' borża ta' studju u l-kuntratt ta' xogħol.

9 Iż-żewġ modi ta' sostenn ta' kandidati għal dottorat huma differenti minn xulxin minħabba li:

— min jingħata borża ta' studju m'għandu ebda obbligu li jipprovdi servizz ta' xogħol fir-rigward tal-istitut ikkonċernat, iżda jista' jiddedika ruħu esklużivament għax-xogħolijiet relatati mat-teżi tiegħu, filwaqt li

— id-detentur ta' kuntratt li jirrigwarda post part-time BAT II a għandu obbligu li jipprovdi xogħol lill-istitut li jimpjegah u jista juża l-installazzjonijiet ta' dan l-istitut biss għat-teżi tiegħu barra mill-ħinijiet tax-xogħol tiegħu.

10 Barra minn dan, iż-żewġ tipi ta' kuntratti huma wkoll differenti minn xulxin mill-perspettiva tal-obbligi fiskali tal-kontraenti u tal-affiljazzjoni għas-sistema ta' sigurtà soċjali ta' dawn tal-aħħar.

11 Fil-fatt, id-detenturi ta' borża ta' studju huma eżenti mix-taxxa fuq id-dħul u mhumiex affiljati għas-sistema ta' sigurtà soċjali. Min-naħa l-oħra, ir-riċerkaturi li huma detenturi ta' post part-time BAT II a huma suġġetti għall-imsemmija taxxa u għandhom iħallsu l-kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali li jikkorrispondu għall-impjieg tagħhom.

12 Matul il-perijodu mis-7 ta' Frar 2000 sal-31 ta' Lulju 2003, A. Raccanelli, ta' ċittadinanza Taljana, eżerċita attivitajiet mal-MPI fil-kuntest tal-kitba ta' teżi ta' dottorat. L-attivitajiet tiegħu kienu bbażati fuq ittra tal-MPI tas-7 ta' Frar 2000, iffirmata minnu stess.

13 Permezz ta' din l-ittra, il-MPI tah borża ta' studju ta' kull xahar għall-perijodu bejn is-7 ta' Frar 2000 u s-6 ta' Frar 2002, sabiex huwa jkun jista' jipprepara dottorat fil-Ġermanja u barra mill-pajjiż fuq is-suġġett tal-"iżvilupp ta' kamera bolometrika għal wavelengths ta' inqas minn 300 μm".

14 L-imsemmija ittra taqra kif ġej:

"L-aċċettazzjoni tal-borża ta' studju torbtok li tiddedika ruħek interament għall-borża ta' studju. L-eżerċizzju ta' attività oħra hija suġġetta għall-qbil minn qabel tad-direzzjoni tal-istitut.

Il-borża ta' studju titħallas sabiex tiżguralek mezz ta' sussistenza u mhux bħala korrispettiv għall-attività xjentifika tiegħek.

L-aċċettazzjoni tal-borża ta' studju ma tobbligak twettaq ebda attività bħala persuna impjegata mal-Max-Planck-Gesellschaft. Għalhekk, il-borża ta' studju hija eżenti mit-taxxa fuq id-dħul, skont l-Artikolu 3(44) tal-Liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul [(Einkommensteuergesetz)], u mit-taxxa fuq il-paga skont l-Artikolu 6(22) tar-Regolament

ta' implementazzjoni dwar it-taxxa fuq il-paga [(Lohnsteuerdurchführungsverordnung)], u għalhekk ukoll mill-kontribuzzjonijiet għall-assigurazzjonijiet soċjali."

15 Permezz ta' kuntratt addizzjonali tad-29 ta' Novembru 2001 għall-"kuntratt ta' kandidat għal dottorat" tiegħu, dan tal-aħħar ġie estiż sas-6 ta' Awwissu 2002, u mbagħad sas-6 ta' Mejju 2003. Għall-perijodu mis-7 ta' Mejju sal-31 ta' Lulju 2003, il-partijiet ikkonkludew ftehim fid-19 ta' Mejju 2003 li jaqra kif ġej:

"Is-Sur Raccanelli ser jiġi milqugħ bħala mistieden fl-istitut tagħna matul il-perijodu mis-7 ta' Mejju 2003 sal-31 ta' Lulju 2003. L-istitut iqiegħed għad-dispożizzjoni tiegħu post ta' xogħol adattat u jassistih permezz tal-impjegati tiegħu.

L-installazzjonijiet l-oħra huma għad-dispożizzjoni tiegħu fil-limiti tar-regolamenti tal-istitut u tad-dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni tagħhom; huwa jintrabat li josserva dawn id-dispożizzjonijiet.

Iż-żmien li jqatta' bħala mistieden ma joħloq ebda relazzjoni ta' xogħol u lanqas ma jagħti lok għall-ħlas ta' remunerazzjoni.

[...]"

16 A. Raccanelli ppreżenta rikors quddiem l-Arbeitsgericht Bonn intiż prinċipalment sabiex jistieden dan tal-aħħar jikkonstata li kienet teżisti relazzjoni ta' xogħol bejnu u l-MPG matul il-perijodu bejn is-7 ta' Frar 2000 u l-31 ta' Lulju 2003.

17 A. Raccanelli jallega li, matul dan il-perijodu, huwa ġie ttrattat bl-istess mod bħall-kandidati għal dottorat Ġermaniżi li kienu detenturi ta' kuntratt għal post part-time BAT II a u li għalihom, skontu, kienu rriżervati l-imsemmija kuntratti, li jinkludu b'mod partikolari l-benefiċċju tal-affiljazzjoni għas-sistema ta' sigurtà soċjali.

18 Il-MPG tiċħad dawn l-allegazzjonijiet.

19 Mingħajr ma tiddeċiedi fuq l-aspett fattwali tar-relazzjoni kuntrattwali eżistenti bejn iż-żewġ partijiet matul l-imsemmi perijodu, il-qorti tar-rinviju titlaq mill-prinċipju li l-grad ta' dipendenza personali ta' A. Raccanelli fir-rigward tal-MPI ma jistax ikun biżżejjed sabiex tiġi aċċettata l-eżistenza ta' relazzjoni ta' xogħol bejn dawn tal-aħħar.

20 L-imsemmija qorti tistaqsi jekk, fid-dawl tal-kostituzzjoni tagħha fil-forma ta' assoċjazzjoni rregolata bid-dritt privat, il-MPG hijiex marbuta bil-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni daqslikieku kien il-każ ta' korp irregolat bid-dritt pubbliku.

21 Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Arbeitsgericht Bonn iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u jagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Ir-rikorrent għandu jitqies li huwa ħaddiem, fis-sens tal-kunċett Komunitarju ta' ħaddiem, jekk ma jiġix mitlub jipprovdi servizzi ta' xogħol milli jiġi mitlub mill-kandidati għad-dottorat li jkollhom kuntratt ta' xogħol BAT/2?

2) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, l-Artikolu 7 tar-Regolament [...] Nru 1612/68 [...] għandu jiġi interpretat fis-sens li għandu jiġi konkluż li ma jkunx hemm diskriminazzjoni biss meta r-rikorrent jkun tal-inqas ingħata d-dritt jagħżel bejn kuntratt ta' xogħol u borża ta' studju qabel ma beda d-dottorat tiegħu mal-konvenut?

3) Fil-każ li r-risposta għat-tieni domanda tkun li r-rikorrent imissu ngħata l-possibbiltà li jikkonkludi kuntratt ta' xogħol, għandha ssir id-domanda li ġejja:

X'inhuma l-konsegwenzi legali fil-każ ta' diskriminazzjoni kontra barrani?"

**Fuq id-domandi preliminari**

*Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari*

22 Il-MPG issostni, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li t-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

23 Fil-fatt, skont il-MPG, il-qorti tar-rinviju, minn naħa, ma stabbilietx il-fatti tal-kawża bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali u, min-naħa l-oħra, naqset milli timmotiva l-bażi tad-domandi magħmula. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja m'għandhiex l-informazzjoni meħtieġa sabiex tkun f'pożizzjoni li tirrispondi b'mod utli għal dawn id-domandi.

24 F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-ħtieġa li tingħata interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju li tkun utli għall-qorti nazzjonali tirrikjedi li din il-qorti tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domandi magħmula minnha jew li, almenu, tispjega ċ-ċirkustanzi fattwali li fuqhom huma bbażati dawn id-domandi (is-sentenzi tas-17 ta' Frar 2005, Viacom Outdoor, C-134/03, Ġabra p. I-1167, punt 22, u tal-14 ta' Diċembru 2006, Confederación Española de Empresarios de Estaciones de Servicio, C-217/05, Ġabra p. I-11987, punt 26).

25 Barra minn dan, l-informazzjoni pprovduta fid-deċiżjonijiet tar-rinviju m'għandhiex isservi biss sabiex tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposti utli, imma wkoll sabiex tagħti lill-Gvernijiet tal-Istati Membri kif ukoll lill-partijiet interessati l-oħra l-possibbiltà li jippreżentaw osservazzjonijiet skont l-Artikolu 20 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja (digriet tat-2 ta' Marzu 1999, Colonia Verischerung *et*, C-422/98, Ġabra p. I-1279, punt 5, u s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2007, Schwibbert, C-20/05, Ġabra p. I-9447, punt 21).

26 Sabiex jiġi żgurat li l-elementi pprovduti mill-Arbeitsgericht Bonn jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni n-natura u l-portata tad-domandi magħmula (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Confederación Española de Empresarios de Estaciones de Servicio, iċċitata iktar 'il fuq, punt 29).

27 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-ewwel domanda preliminari hija ta' natura ġenerali ħafna, fis-sens li hija intiża sabiex tikseb interpretazzjoni tal-kunċett Komunitarju ta' ħaddiem kif jirriżulta mill-Artikoli 39 KE u 7 tar-Regolament Nru 1612/68.

28 Id-domandi magħmula mill-Arbeitsgericht Bonn sussidjarjament jirrigwardaw il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni li huwa s-suġġett tal-Artikolu 12 KE.

29 Madankollu, għalkemm huwa veru li t-talba għal deċiżjoni preliminari tikkontjeni xi lakuni, kemm fuq livell tal-preżentazzjoni tal-fatti fil-kawża prinċipali kif ukoll fuq dak tal-motivi ta' din it-talba, jibqa' l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha biżżejjed elementi li jippermettu li tiġi ddeterminata l-portata tad-domandi magħmula u li jiġu interpretati d-dispożizzjonijiet Komunitarji kkonċernati sabiex tingħata risposta utli għal dawn id-domandi.

30 Barra minn dan, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej kif ukoll, sa ċertu punt, il-MPG qiesu li kien possibbli, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, li jippreżentaw osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

31 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

*Fuq il-mertu*

Fuq l-ewwel domanda

32 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk riċerkatur li jinsab f'sitwazzjoni bħal dik tar-rikorrent fil-kawża prinċipali, jiġifieri li qed jipprepara teżi ta' dottorat fuq il-bażi ta' kuntratt ta' borża ta' studju konkluż mal-MPG, għandux jiġi meqjus bħala ħaddiem, fis-sens tal-Artikolu 39 KE, jekk huwa mitlub jipprovdi daqstant servizzi ta' xogħol daqs riċerkatur li qed jipprepara teżi ta' dottorat fuq il-bażi ta' kuntratt ta' xogħol BAT/2 konkluż ma' din l-assoċjazzjoni.

33 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' "ħaddiem", fis-sens tal-Artikolu 39 KE, għandu tifsira Komunitarja u m'għandux jiġi interpretat b'mod restrittiv. Għandha tiġi kkunsidrata bħala "ħaddiem" kull persuna li teżerċita attivitajiet reali u effettivi, bl-esklużjoni ta' attivitajiet li huma tant minimi li għandhom jiġu kkunsidrati bħala purament marġinali u anċillari. Il-karatteristika tar-relazzjoni ta' xogħol hija, skont din il-ġurisprudenza, il-fatt li persuna twettaq matul ċertu żmien, favur persuna oħra u taħt id-direzzjoni tagħha, servizzi li b'korrispettiv għalihom hija tirċievi remunerazzjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-3 ta' Lulju 1986, Lawrie-Blum, 66/85, Ġabra p. 2121, punti 16 u 17, tat-23 ta' Marzu 2004, Collins, C-138/02, Ġabra p. I-2703, punt 26, u tas-7 ta' Settembru 2004, Trojani, C-456/02, Ġabra p. I-7573, punt 15).

34 Għalhekk, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali jista' jikseb l-istatus ta' ħaddiem biss fil-każ fejn il-qorti tar-rinviju, li hija biss għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tevalwa l-fatti tal-kawża prinċipali, tikkonstata, f'din tal-aħħar, l-eżistenza tal-elementi kosti-

tuttivi ta' kull relazzjoni ta' impjieg bi ħlas, jiġifieri r-relazzjoni ta' subordinazzjoni u l-ħlas ta' remunerazzjoni.

35 Għaldaqstant, billi l-qorti tar-rinviju hija mitluba tivverifika l-eżistenza tal-kriterji msemmija fil-punt 33 ta' din is-sentenza, jirriżulta li l-istħarriġ tagħha għandu jirrigwarda b'mod partikolari l-kontenut tal-kuntratt ta' kandidat għal dottorat u tal-kuntratt addizzjonali għal dan tal-aħħar kif ukoll il-modalitajiet ta' implementazzjoni ta' dawn l-atti.

36 Għalkemm għandu jiġi konkluż mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti li l-istatus ta' ħaddiem, fis-sens tal-Artikolu 39 KE, ta' A. Raccanelli għandu jiġi ddeterminat b'mod oġġettiv skont il-kriterji msemmija fil-punt 33 ta' din is-sentenza, min-naħa l-oħra, ebda konklużjoni ma tista' tinġibed, f'dak li jirrigwarda l-imsemmi status, minn paragun relattiv għax-xogħol ipprovdut mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u dak imwettaq jew li għandu jitwettaq minn riċerkatur li qed jipprepara teżi ta' dottorat fuq il-bażi ta' kuntratt ta' xogħol BAT/2 konkluż mal-MPG.

37 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li riċerkatur li qiegħed f'sitwazzjoni bħal dik tar-rikorrent fil-kawża prinċipali, jiġifieri li qed jipprepara teżi ta' dottorat fuq il-bażi ta' kuntratt ta' borża ta' studju konkluż mal-MPG, jista' jiġi kkunsidrat bħala ħaddiem, fis-sens tal-Artikolu 39 KE, biss jekk huwa eżerċita l-attività tiegħu, għal ċertu żmien, taħt id-direzzjoni ta' istitut li jaqa' taħt din l-assoċjazzjoni u jekk, b'korrispettiv għal din l-attività, huwa jirċievi remunerazzjoni. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha twettaq il-verifiki ta' fatt li huma neċessarji sabiex jiġi evalwat jekk dan huwiex il-każ fil-kawża li hija għandha quddiemha.

Fuq it-tieni domanda

38 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti nazzjonali tistaqsi essenzjalment jekk għandux jiġi konkluż li ma jkunx hemm diskriminazzjoni biss meta r-rikorrent fil-kawża prinċipali jkun tal-inqas ingħata d-dritt jagħżel bejn kuntratt ta' xogħol u borża ta' studju qabel ma beda d-dottorat tiegħu mal-MPG.

39 Preliminarjament, għandu jiġi enfasizzat li l-kwistjoni jekk A. Raccanelli, mingħajr m'għandu l-istatus ta' ħaddiem fis-sens tal-Artikoli 39 KE u 7 tar-Regolament Nru 1612/68, kellux d-dritt, minħabba prassi segwita mill-MPG, li jagħżel bejn kuntratt ta' borża ta' studju u kuntratt ta' xogħol BAT/2 hija kwistjoni ta' dritt nazzjonali li m'għandhix tkun il-Qorti tal-Ġustizzja li tieħu konjizzjoni tagħha.

40 Jirriżulta madankollu mit-tieni parti tal-motivi tad-deċiżjoni tar-rinviju li, permezz tat-tieni domanda tiegħu, l-Arbeitsgericht Bonn jistaqsi essenzjalment jekk l-MPG hijiex marbuta, minkejja l-kostituzzjoni tagħha fil-forma ta' assoċjazzjoni rregolata bid-dritt privat, bil-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni daqs li kieku din tal-aħħar kellha l-istatus ta' korp irregolat bid-dritt pubbliku u jekk, għaldaqstant, minn dan jirriżultax li din l-assoċjazzjoni kellha l-obbligu li tagħti lil A. Raccanelli d-dritt li jagħżel bejn kuntratt ta' borża ta' studju u kuntratt ta' xogħol.

41 F'dan ir-rigward, għandu, minn naħa, jiġi mfakkar li, skont l-Artikolu 39 KE, il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan il-Komunità Ewropea jimplika l-abolizzjoni ta' kull diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza bejn il-ħaddiema tal-Istati Membri dwar l-impjieg, il-paga u l-kundizzjonijiet l-oħra tax-xogħol (sentenza tas-6 ta' Ġunju 2000, Angonese, C-281/98, Ġabra p. I-4139, punt 29).

42 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li l-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni msemmi fl-Artikolu 39 KE huwa fformulat f'termini ġeneriċi u li mhuwiex indirizzat b'mod speċifiku għall-Istati Membri jew għall-korpi rregolati bid-dritt pubbliku.

43 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza tapplika mhux biss għall-azzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi, iżda testendi wkoll għar-regoli ta' xorta oħra li huma intiżi sabiex jirregolaw, b'mod kollettiv, l-impjieg bi ħlas kif ukoll il-provvista ta' servizzi (ara s-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 1974, Walrave u Koch, 36/74, Ġabra p. 1405, punt 17, kif ukoll Angonese, iċċitata iktar 'il fuq, punt 31).

44 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-abolizzjoni bejn l-Istati Membri tal-ostakoli għall-moviment liberu tal-persuni tiġi kompromessa jekk it-tneħħija tar-restrizzjonijiet stabbiliti b'regoli tal-Istati setgħet tiġi newtralizzata minn ostakoli li jirriżultaw mill-eżerċizzju tal-awtonomija ġuridika ta' assoċjazzjonijiet jew korpi li mhumiex irregolati bid-dritt pubbliku (ara s-sentenzi Walrave u Koch, iċċitata iktar 'il fuq, punt 18, kif ukoll tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman, C-415/93, Ġabra p. I-4921, punt 83).

45 Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ikkonkludiet, fir-rigward tal-Artikolu 39 KE li jistabbilixxi libertà fundamentali u jikkostitwixxi applikazzjoni speċifika tal-projbizzjoni ġenerali ta' diskriminazzjoni kontenuta fl-Artikolu 12 KE, li l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni tapplika wkoll għal kull ftehim li huwa intiż sabiex jirregola b'mod kollettiv l-impjieg bi ħlas, kif ukoll għall-kuntratti bejn l-individwi (ara s-sentenzi tat-8 ta' April 1976, Defrenne, 43/75, Ġabra p. 455, punt 39, kif ukoll Angonese, iċċitata iktar 'il fuq, punti 34 u 35).

46 Għalhekk għandu jiġi kkunsidrat li l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza, imsemmija fl-Artikolu 39 KE, tapplika wkoll għall-assoċjazzjonijiet irregolati bid-dritt privat bħall-MPG.

47 Rigward il-kwistjoni jekk minn dan jirriżultax l-obbligu għall-MPG li tagħti lil A. Raccanelli d-dritt li jagħżel bejn kuntratt ta' borża ta' studju u kuntratt ta' xogħol, ir-risposta li għandha tingħata għandha tkun li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, diskriminazzjoni tikkonsisti fl-applikazzjoni ta' regoli differenti għal sitwazzjonijiet komparabbli jew fl-applikazzjoni tal-istess regola għal sitwazzjonijiet differenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' April 1999, Royal Bank of Scotland, C-311/97, punt 26, Ġabra 1999, p. I-2651, punt 26). Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi jekk, minħabba l-applikazzjoni ta' regoli differenti għal sitwazzjonijiet komparabbli f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, ir-rifjut potenzjali tal-imsemmija għażla implikax nuqqas ta' trattament ugwali bejn il-kandidati nazzjonali u barranin għal dottorat.

48 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li assoċjazzjoni rregolata bid-dritt privat, bħall-MPG, għandha tosserva l-prinċipju ta'

non-diskriminazzjoni fil-konfront tal-ħaddiema fis-sens tal-Artikolu 39 KE. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi jekk, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, kienx hemm nuqqas ta' trattament ugwali bejn il-kandidati nazzjonali u barranin għal dottorat.

Fuq it-tielet domanda

49 Permezz tat-tielet domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi x'inhuma l-konsegwenzi ta' diskriminazzjoni fir-rigward ta' kandidat barrani għal dottorat li tirriżulta mill-fatt li dan tal-aħħar ma kellux il-possibbiltà li jikkonkludi kuntratt ta' xogħol mal-MPG.

50 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li la l-Artikolu 39 KE u lanqas id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1612/68 ma jimponu fuq l-Istati Membri jew fuq l-assoċjazzjonijiet bħall-MPG miżura speċifika fil-każ ta' ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni, iżda jħallu lill-Istati Membri l-libertà li jagħżlu minn fost id-diversi soluzzjonijiet xierqa sabiex jintlaħaq l-għan ta' dawn id-dispożizzjonijiet rispettivi, skont id-diversi sitwazzjonijiet li jistgħu jseħħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' April 1984, von Colson u Kamann, 14/83, Ġabra p. 1891, punt 18, u tal-11 ta' Ottubru 2007, Paquay, C-460/06, Ġabra p. I-8511, punt 44).

51 Għaldaqstant, kif tindika l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fir-rigward tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali, in-natura tal-kumpens li r-rikorrent fil-kawża prinċipali jkollu d-dritt jippretendi.

52 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta li għandha tingħata għat-tielet domanda għandha tkun li, fil-każ fejn ir-rikorrent fil-kawża prinċipali jkun iġġustifikat li jilmenta minn

dannu kkawżat mid-diskriminazzjoni li huwa kien suġġett għaliha, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fir-rigward tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali, in-natura tal-kumpens li huwa jkollu d-dritt jippretendi.

**Fuq l-ispejjeż**

53 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Riċerkatur li qiegħed f'sitwazzjoni bħal dik tar-rikorrent fil-kawża prinċipali, jiġifieri li qed jipprepara teżi ta' dottorat fuq il-bażi ta' kuntratt ta' borża ta' studju konkluż mal-Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften eV, jista' jiġi kkunsidrat bħala ħaddiem, fis-sens tal-Artikolu 39 KE, biss jekk huwa eżerċita l-attività tiegħu, għal ċertu żmien, taħt id-direzzjoni ta' istitut li jaqa' taħt din l-assoċjazzjoni u jekk, b'korrispettiv għal din l-attività, huwa jirċievi remunerazzjoni. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha twettaq il-verifiki ta' fatt li huma neċessarji sabiex jiġi evalwat jekk dan huwiex il-każ fil-kawża li hija għandha quddiemha.**

2) **Assoċjazzjoni rregolata bid-dritt privat, bħall-Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften eV, għandha tosserva l-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni fil-konfront tal-ħaddiema fis-sens tal-Artikolu 39 KE. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi jekk, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, kienx hemm nuqqas ta' trattament ugwali bejn il-kandidati nazzjonali u barranin għal dottorat.**

3) **Fil-każ fejn ir-rikorrent fil-kawża prinċipali jkun iġġustifikat li jilmenta minn dannu kkawżat mid-diskriminazzjoni li huwa kien suġġett għaliha, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fir-rigward tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali, in-natura tal-kumpens li huwa jkollu d-dritt jippretendi.**

Firem